

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0233 (NLE)

14010/23
ADD 3

COEST 549
POLCOM 231

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA dwar l-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq għal provvisti għal awtoritajiet tal-gvern ċentrali f'konformità mal-Anness XXI-A tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

ADDENDUM III

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2023
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA
ta' ...

**dwar l-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq għal provvisti għal awtoritajiet tal-gvern ċentrali
f'konformità mal-Anness XXI-A tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 153, 463 u l-Artikolu 475(5) tiegħu,

¹ ĠU UE L 161, 29.5.2014, p. 3.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Ukrajna li gradwalment tapprossima l-leġislazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, skont il-linji stabbiliti fil-Ftehim, u timplimentaha b'mod effettiv, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika tal-Ukrajna mal-Unjoni.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 154 tal-Ftehim, il-Partijiet għall-Ftehim jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku għandu jintlaħaq gradwalment u simultanament.
- (4) Skont l-Artikolu 153(1) u (2) tal-Ftehim, l-Ukrajna għandha tiżgura li l-leġislazzjoni eżistenti u futura tagħha dwar l-akkwist pubbliku gradwalment issir kompatibbli mal-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Tali approssimazzjoni leġislattiva għandha titwettaq f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim (“Anness XXI-A”).

- (5) F'konformità mal-Artikolu 153(2) tal-Ftehim, l-implimentazzjoni ta' kull fażi stabbilita fl-Anness XXI-A għandha tiġi evalwata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ. Din l-evalwazzjoni tista' twassal għal valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni ta' fażi permezz ta' Deċiżjoni ta' dak il-kumitat. Tali valutazzjoni pożittiva għandha tkun marbuta mal-għoti reċiproku ta' aċċess għas-suq kif stabbilit fl-Anness XXI-A.
- (6) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru .../2023 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ ta' ..., dak il-kumitat ta' valutazzjoni pożittiva rigward l-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XXI-A.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 475(5) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, skont is-setgħat ikkonferiti lilu mill-Artikolu 463 tal-Ftehim, jaqbel dwar il-ftuħ ulterjuri u reċiproku tas-suq marbut ma' din il-valutazzjoni pożittiva.
- (8) Kif stabbilit fl-Anness XXI-A, dan il-ftuħ tas-suq jikkonċerna l-akkwist pubbliku ta' provvisti minn awtoritajiet tal-gvern ċentrali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan qed jingħata aċċess reċiproku għas-suq għall-akkwist pubbliku ta' provvisti mill-awtoritajiet tal-gvern ċentrali fl-Unjoni Ewropea lill-Ukrajna u għall-akkwist pubbliku ta' provvisti mill-awtoritajiet tal-gvern ċentrali tal-Ukrajna lill-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-Anness XXI-A.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ġiet adottata bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Inġliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Ukrena, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Prezidenza

Is-Segretarji